MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Numru 604/2013

**ILLUM 19 ta’ Novembru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Carlos Cordina)
vs
Max Brincat

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 402189(M);

Akkuzat talli nhar it-23 ta' April 2013 gewwa Hal Kirkop u/jew f'dawn il-Gzejjer, ddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx u bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jibdew proceduri kriminali kontra persuna/i.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat f'din l-ewwel udjenza, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ghall-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri hemm l-istqarrija tal-imputat debitament rilaxxjata minnu;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, ssibu hati.

Rat l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9

Tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------